# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, iL-5 ta' Dicembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 117/2021 CL

**Dynamic Events Limited (C 66371)**

**VERSUS**

**Powerhouse Limited (C 47234) u**

**Powerhouse Manufacturing Limited (C63680)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-13 ta' April, 2021 fejn is-socjeta attrici talbet li s-socjetajiet konvenuti jigu iddikjarati debituri tas-socjeta attrici ghas-somma globali ta' €3,176.87 rapprezentati tlett fatturi mahruga nhar is-7 ta' Settembru 2020 bin-numru 3286, 3287 u 3288. Kif ukoll illi s-socjetajiet konvenuti jigu ordnati jivversaw s-somma ta' €3176.87 lill-socjeta attrici in vista ta' ftehiem li kien sar bejn il-partijiet lura fis-sena 2016, fejn il-prezzijiet ghas-servizz tal-kumpanija intimati, kellu jaqbel mal-prezzijiet tal-kumpanija terza, li maghha kienet ser tikkuntratta originarjament il-kompanija attrici. Bl-ispejjez legali u gudizzjarji inkluz l-imghax.

Illi l-kumpanija attrici kienet ghamlet kuntatt mad-direttur tas-socjeta intimati fis-sena 2016 sabiex jaghtu servizz biex jorgannizaw avveniment. Illi qabel sar il-ftehiem il-kumpaniji intimati talbu lil socjeta attrici biex jipprovdu elenku ta' prezzijiet li kienet ftehmet ma' kumpanija terza sabiex jaraw jekk il-kumpaniji intimati setghux iqablu l-prezzijiet taghhom ma' dak illi kien miftiehem mal-kumpanija terza. Id-direttur kien wiegeb permezz ta' e mail datat 11 ta' Novembru 2016[1], illi setghu iqablu l-istess prezzijiet.Illi in vista ta' dan il-kumpanija attrici ddecediet illi taghzel li tuza' s-servizzi tal-kumpaniji intimati. Illi gara illi l-kumpanija intimata bghatu l-kontijiet ghas-servizzi taghhom fuq prezzijiet differenti minn dawk maqbula bejn il-partijiet, pero' tali kontijiet gew mhalsa mill-kumpanija attrici b'kundizzjoni illi galadarba xi kont jkun mhallas ma jaqbilx mal-ftehiem originali dan ghandu jigi rifondut lura. Illi sussegwetement, l-kumpanija attrici irrejalizzat li kienet halset izjed min dak miftiehem, ghaldaqstat hargu tlett fatturi, li fihom gie spjegat kemm il-kumpanija attrici halset izjed minn dak miftiehem, dwar x'fattura u xoghol kien gie mhallas izjed u l-kreditu dovut lilha mill-kumpanija intimata wara dan

[1] Dok A Foll. 6

il-kalkolu, li gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok B[2]. Minkejja diversi talbiet ghal-pagament, il-kumpaniji intimati baqghu jinjoraqw kwalunkwe talba tal-kumpanija attrici ghal hlas lura kif dovut.

Ra ir-risposta tas-socjetajiet intimati Powehouse Limited u Powerhouse Manufacturing Limited fejn irrilevaw fl-ewwel lok illi ma gewx ufficjalment interprellati b'ittra ufficjali kif tikontempla il-ligi qabel infethu l-proceduri odjerni. Illi fit-tieni lok s-sccjetajiet intimati joggezjonaw fuq it-talbiet tas-socjeta attrici, li qabel kienet maghrufa bl-isem MBR Publications Lt,  bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, liema talbiet huma ivvintati, frivoli u vesstatorji u qed jsiru bhala vendikazzjoni wara li s-socjetajiet intimati kienu hadu l-passi necessarji legali kontra s-socjeta attrici biex jithallas dak dovut lilhom, fl-ahhar tas-sena 2020. Illi l-allegati pendenzi li qieghda tilmenta minnhom s-socjeta atttrici huma sorvolati stante li kwalunkwe pendenzi li kien hemm gew miftehma u sahansitra kienu waslu ghal bilanc finali f'April 2019, li ghall-kuntrarju s-socjeta attrici obbligat ruhha li thallas lis-socjetajiet intimati. Stante nuqqas ta' hlas mis-socjeta attrici, s-socjetajiet intimati hadu l-passi legali u nfatti waslu ghal-ftehiem fejn is-socjeta attrici ffirmat kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' €14,500 fl-atti tan-Nutar Nicholas Charles Vella datat 18 ta' Settembru 2020[3]. Illi in sostenn ma' dak ritenut is-socjetajiet intimati ghandhom diversi korrispondenza fejn jidher car li l-partijiet kienu ftehmu l-bilanc li kien dovut lis-socjetajiet intimati. Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Fit-23 ta' Gunju 2021 gew ipprezentati l-affidavit ta' Margaret Brincat li hija Direttur u Managing Partner mas-socjeta attrici li tippublika rivisti u torgannizza diversi avvenimenti. Minkejja li kien sar ftehiem permezz ta' korrispondenza elettronika bejn il-partijiet biex jkun hemm tqabbil ta' prezzijiet is-socjeta attrici kellha thallas izjed mill-prezzijiet miftehma. Is-socjetijiet konvenuti gew infurmati bil-pretensjonijiet diversi drabi fejn hi kienet tkun i*n copy* fil-korrispondenza u kienet ikkomunkat hi stess ma' Mark Vella, li  kien jaf bit-talbiet taghhom mill-2017. li kienu *invoices for credit due not deducted by Powerhouse*. Minkejja li Mark Vella intalab jmur l-ufficju sabiex jaslu fi ftehiem peress illi l-invoices kienu jintbghatu tard u l-prezzijiet ma kienux skond il-ftehiem, Mark Vella dejjem gab xi skuza u m'attendiex. Il-prezzijiet kienu gew miftehma a bazi tal-ftehiem li huma kellhom man-Nexos Lighting fejn kellu jitnaqqas 30% permezz ta' *barter* u 10% bhala *discount*. L-ewwel attivita li s-socjeta attrici ghamlet mas-socjetajiet konvenuti kienu zammew mal-arrangament miftiehem izda wara ftit bdew jaslu l-invoices tard u jircievu fatturi ghola milli miftiehem. Fil-fatt l-kont kien tela' ghal €27,310.12 u kienu huma li kellhom jahdmu l-kalkoli u irnexielhom jnizlu l-koont ghal €14,383.72.Fis-sena 2019 kien sar laqgha l-ufficju taghhom u sar ftehiem dwar il-prezzijiet pero l-fattura mertu tal-kaz ma kienux gew diskussi ghax ma inghatawx cans jsibu u jivverifikaw id-dokumenti. Wara l-laqgha hi bghatet e mail lil Mark Vella bid-dokumenti annessi. Fis-sena 2020 hi kienet prezenti fil-laqgha meta gie iffirmat il-ftehiem quddiem in-Nutar Vella fejn Martin Vella kien qal lil Mark Vella, li kien hemm l-ispejjez li thalsu zejda mis-socjeta attrici u kellhom jiehdu rifuzjoni taghhom, izda Mark Vella m'accetax li dan l-ammont jigi mnaqqas mill-ammont dovut u qal illi jarawha aktar tard. Fit-28 ta' Frar 2022 saret il-kontro ezami ta' Margaret Brincat li ikkonfermat illi hi kienet prezenti ghal-laqgha li kien hemm fl-ufficju ta' Dynamic Events u cahdet illi kienet fl-ufficju ta' ma genb l-ufficju fejn fil-fatt sehhet il-laqgha. Dakinhar kienu ftehmu dwar invoices li kellhom dakinhar ghax kien hemm xi invoices li ma kellhomx access ghalihom ghax kellhom problema bis-server u kienu ftehmu ma' Elaine, illi malli jsibuhom jghidulhom id-diskrepanza li kien hemm. Ma setghetx tikkonferma x'kien il-bilanc tal-invoices pendenti. L-email ta' Martin Vella li qal illi kien in *perfect harmony* kienet dwar l-invoices li kellhom f'idejhom. Huma kienu qalu lil Mark illi kienu ser jiehdu loan mill-bank izda hu ma riedx jistenna. Ma ftakritx kemm kien ghadda zmien wara l-e mail fejn Martin kien qal illi kien in *perfect harmony* u Mark kien beda bil-procedura legali li waslet ghal kostituzzjoni ta' debitu.Il-flus kienu dovuti lil Powerhouse izda kien hemm xi diskrepanzi fuq il-*barter* u *discount* li kellhom jitnaqsu. Is-somma miftehma

[2] Foll 7,8 u 9

[3] Foll 19 u 20

quddiem in-nutar ma kinitx l-ahhar somma u Mark qal l-ewwel halsu imbaghad nitkelmu wara. Wara l-laqgha ma kien hemm ebda negozju iehor bejniethom.

Martin Vella Direttur tas-socjeta attrici ipprezenta affidavit fejn jghid illi minkejja li kien hemm ftehiem permess ta' korrispondenza elettronika bejn il-partijiet (*barter agreement*) biex jkun hemm tqabbil ta' prezzijiet u jitqasmu l-provisti necessarji lis-socjeta attrici bi prezz fiss, is-socjetajiet intimati naqsu milli jonoraw dan il-ftehim, b'konsegwenza illi s-socjeta attrici halset izjed mill-prezzijiet miftehma. Matul ix-xahar ta' Settembru 2022, is-socjetajiet intimati gew infurmati bil-pretenzjonjiet diversi drabi u ftit jiem wara saret laqgha ghand in -Nutar Vella fejn gie iffirmat kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' €14,500, li kienu pagamenti dovuti lil Powerhouse li thalsu kollha. Waqt illi kienu ghand in-Nutar hu kien semma' li kien hemm il-kwistjoni tal-*barter* u l-ispejjes li thalsu zejjed u hu talab li jitnaqsu mill-ammont. Izda Mark Vella qal illi jaraw dwar dan izjed tard. Lura f'Mejju tal-2017 kien sar laqgha kif hu indikat fl-e mail datat 25 ta' Mejju 2017, fejn Elaine kienet semmiet il-fatturi relatati mal-kawza izda qalet li kienu tnaqsu. Izda wara li vverifikaw, irrizulta illi ma kienux tnaqsu u kien irrisponda fis-26 ta' Mejju 2017 li dawn kellhom jigu mnaqsa u dam aktar minn sentejn jitlob laqgha ma' Mark Vella. Mark Vella mar ghand is-socjeta attrici u ma kienux ppreparaw d-dokumenti kollha izda wara li telaq sabu d-dokumenti u bghatuhomlu b'e mail. Fis-sena 2016, kien sar ftehiem bejn il-partijiet bbazat fuq il-prezzijiet li kellhom tan-Nexos Lighting fejn ma kull avveniment kellu jitnaqqas 30% bhala *barter* u 10% d*iscount*. Il-kont kien tela' ghal €27,310 u wara kalkoli li saru min-naha taghhom kien nizel ghal €14,383.72 ghax kienu kienu ser jhalsu €12,000 zejda. Izda kienu tkelmu waqt il-laqgha illi jekk jinstabu diskrepanzi dawn jridu jigu mnaqsa.

Xehed Martin Vella in kontro ezami fit-23 ta' Gunji 2021, fejn qal illi s-servizz li kienu jofru s-socjetajiet konvenuti kienu ta' logistika, *lighting* u *sound* ghal avvenimenti u l-gharmar tal-palk, izda kellu jzomm mal-prezzijiet miftehma li kienu bbazati fuq il-ftehiem li kellhom man-Nexos Lighting. Mark kien accetta li jzomm ma' dawk il-prezzijiet u b'hekk hadmu mieghu ghax il-**barter** haduhom bir-riklami. Kien waqa' lura fil-pagamenti ghax l-invoices bdew jircievewhom wara l-avveniment mhux qabel u kien hemm diskrepanza tant illi bdew jigbdu l-attenzjoni tal-konvenuti mill-2016. Kien hemm hafna sieghat ta' haddiema zejda li kienu qeghdin jippretendu l-hlas taghhom.Fit-8 ta' Settembru 2020, wara l-laqgha li kien sar bejn il-partijiet, hu kien bghat e mail[4] fejn spjega li kien ilu jghidlu li ma kienx qieghed jaqbel mal-prezzijiet.

Gie ipprezentat l-affidavit ta' Mark Richard Vella li huwa direttur manigerjali ta' Powerhouse Limited u Powerhouse Manufacturing Limited li joperaw fil-qasam ta' kiri ta' apparat ta' *audiovisual equipement* bhal ma huma dawl, *sound* u *video projectors*. Bejn Jannar 2019 u Frar 2019 kien qieghed jikkorispondi ma' Martin Vella biex jikkonkludi l-kontijiet pendenti u wara diversi e mails talab sabiex ssir laqgha ghax ma kienux qeghdin jaqblu kif kienu qeghdin jsiru r-revizjoni tas-socjeta attrici. Fit-22 ta' April 2019 saret laqgha fl-ufficju ta' Martin Vella fejn kien hemm prezenti hu u l-assistenta tieghu Elaine Magro. Dakinhar stess bghatu l-invoices lis-socjeta attrici skond kif kienu ftehmu waqt il-laqgha permezz ta' e mail li kienet giet mwiegba minn Martin Vella li kien qal illi kien hemm qbiel dwar l-invoices kif ukoll *barters.* Fil-fatt fil-25 ta' April 2019, Martin Vella kien talab quote ghal avveniment iehor li kien ser jorganizza Ghawdex. Kull avveniment tirrikjedi armar u nies varji, skond id-daqs tal-avveniment u ghalhekk ssir quote gdida ghal kull avveniment. Martin Vella beda jgib quotes ohra biex jqabbel izda hu kien qallu biex jahdem ma' suppliers ohra, ghax ma setax joffri l-istess prezz izda hu ipprefera jahdem maghhom. Kienu qablu fuq budget ta' €4500, izda hu insista li jithallas depozitu ta' €2250 u n-negozju sfaxxa fix-xejn ghax Martin Vella qal illi l-lukanda kienet ser tiehu hsieb l-*audivisuals* . Minn dakinhar ma kien hemm ebda negozju bejn il-partijiet u minkejja hafna interpellanzi biex jsir l-hlas ma sar xejn sakemm involva l-avukat li kien bghat ittra ufficjali u sekwestru. Wara trattativi bejn l-avukati waslu ghal ftehiem bonarja fejn Martin Vella iffirma kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' €14,500 fit-18 ta' Settembru 2020.

[4] Foll.79

Dan kien in full and final settlement u ghalhekk kull pendenza li seta' kien hemm gew miftehma u fil-fatt awtorizzza li jitnehha l-mandat ta' sekwestru. Wara ftit li kollox gie mhallas, Martin Vella intavola mandat ta' sekwestru kontra Powerhouse Limited u Powerhouse Manufacturing Limited u l-kawza.Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma baqghetx l-istess wara li hu kien idecieda li jmexxi legalment, u din il-kawza saret bhala vendikazzjoni.

Gie ipprezentat ukoll l-affidavit ta' Elaine Magro li kienet tiehu hsieb l-accounts li kellu Dynamic Events Ltd mas-socjetajiet konvenuti u kienet involuta f'kull inkontru u f'kull korrispondenza. Bejn Jannar 2019 u Frar 2019, kien hemm kommunikazzjoni biex jigu konkluzi l-pendenzi, u wara li ircevew l-invoices riveduti minghand Ruth Azzopardi li kienet l-accountant tas-socjeta attrici, talbu laqgha ghax ma kienux qeghdin jaqblu maghhom. Fit-22 ta' April 2019, kienet prezenti ghal laqgha ta' bejn Martin Vella u Mark Vella u wara laqgha li damet madwar saghtejn fejn rivedew xi invoices waslu ghal ftehiem. Wara l-laqgha hii bghatet e mail bi statement dettaljata u l-bilanc li kienu qablu fuqu waqt il-laqgha li kienet giet ikkonfermata minn Martin Vella stess illi kien *in perfect harmony* maghhom. Fil-fatt fil-25 ta' April 2019, Martin Vella talab *quote* ghal-avveniment iehor. Bejn Lulju 2019 u Awwissu 2020 saru diversi interpellanzi lil Martin Vella ghal hlas, izda kien jgib l-iskuzi, sakemm fit-18 ta' Settembru 2020 saret il-kostituzzjoni ta' debitu quddiem in-nutar fl-ammont ta' €14,500, u dan kien *in full and final settlement*, fejn hi ma attenditx izda kien mar Dr Christian Camilleri ma' Mark Vella. Illi wara l-pendenzi gew maghluqa Martin Vella intavola mandat ta' sekwestru kontra s-socjetajiet konvenuti kif ukoll din il-kawza.

Fl-10 ta' Novembru 2021 xehed in-Nutar Nicholas Vella li ikkonferma illi l-kuntratt li kien a foll 19 u 20 kien kostituzzjoni ta' debitu ta' €14,500 li huwa fl-atti tieghu u jiftakar li l-partijiet kienu dehru quddiemu u gharafhom ukoll fl-awla. Is-socjeta attrici kienet ghaddiet cekk ta' €2500 lis-socjetajiet konvenuti dakinhar u kien fadal ammont pendenti ta' €12,000. Fil-kontro ezami in-Nutar qal illi ma kienx hemm miktub illi kien *in full and final settlement*, izda ddikjara li kien debitur fl-ammont ta' €14,500 li jirraprezenta hlas li ghadu pendenti ghal servizzi u kiri ta' apparat *audio visual* prestat mis-socjeta kreditrici lis-socjeta debbitrici. Hu jiftakar illi kien hemm battibekki bejn il-partijiet izda ma ftakarx ezatt, izda il-ftehiem qisu sar biex jikkonkludu ghalkemm ma setax jikkonferma.

Fid-19 ta' Jannar 2022 sar l-kontro ezami ta' Martin Vella fejn qal illi waqt il-laqgha kienu ftehmu dwar parti mill-invoices ghax f'saghtejn ma kellhomx bizzejjed hin u ma jaqbilx illi kien hemm set off.Kien hemm invoices mill-2018 li ma kienx qabel mal-ammont ghax kienu ghola milli ftehmu. Hu ikkonferma illi wara l-laqgha ta' April 2019, kien bghat e mail li kienu *in perfect harmony* izda hu kien qieghed jirreferi ghal invoices annessi li ma kienux kollox. Waqt il-laqgha kien hemm Elaine u Margaret maghhom u Mark Vella halla l-laqgha wara nofs siegha. Huma kienu accetaw li kien hemm zbalji ghax kienu tawh *credit note* fl-ammont ta' €6,810 izda l-prezzijiet ma kienux skond l-agreement. Hu cahad ill ma setghex jhallas ghax kien qal lil Mark biex jmur jigbor ic-cekk imma Mark ma kienx mar. Hu kien ghamel zewg pagamenti u waqaf jhallas u saru trattativi bejn l-avukati u waslu ghas-somma ta' €14,500 u iffirmaw kostituzzjoni ta' debitu. Hu ma fetahx il-proceduri b'vendikazzjoni wara li Mark nehha l-proceduri kontrih izda kien bghat e mail f'Settembru 2020 dwar dokumenti li kienu juru diskrepanzi u fil-fatt meta kienu ghand in-nutar u ma riedx jiddiskutihom qallu l-ewwel hallasni u imbaghad naraw.

Sar il-kontro ezami ta' Mark Vella li qal illi kien ikkorisponda dwar il-pendenzi f'Jannar 2019 li kienu dwar kontijiet mill-2016 u mhux qabel ghax kellhom kommunikazzjoni regolari bejniethom u kien jefdah lil Martin Vella.Mistoqsi dwar e mails minghand Martin Vella bhal Dok AA10 anness mal-affidavit, tad-29 ta' Mejju 2017 fejn qal illi kellhom jsolvu l-pendenzi hu jghid illi kien hemm e mails min-naha tieghu ukoll u l-laqgha saret sentejn wara fl-2019 ghax Martin min-naha tieghu kellu jaghmel il-verifici. Qabel l-avveniment jintbghat invoice u l-invoices dejjem jintbghatu wara l-avveniment. Margaret ma kinitx il-laqgha ta' April 2019, imma kienet fl-ufficju ta' ma genbhom u xi darba Martin ghajjatilha ghal xi haga. Kienu jafu bil-laqgha

ta' April 2019 ghax kien hemm e mail request li tintbghat lil kulhadd. Il-laqgha damet madwar saghtejn u jaf x'gie konkluz ghax mhux veru li telaq u halla lil Elaine.Meta marru lura l-ufficju hadmu l-workings skond il-ftehiem ma' Martin, ghalkemm ma qabilx maghhom, imma ried jaghlaq. Ma kienx hemm affarijiet ohra ghax kien hemm qbiel fuq kollox. Hu kien lest li jistenna l-pagament imma Martin Vella baqa' ma hallas xejn. il-kostituzzjoni ta' debitu saret ful l-*invoices* u *barter* u fil-fatt beda jaqta' mill-invoice ammonti miktubin minnu u ftehmu fuq l-ammont wara li naqas il-*credit note*. Mhux veru illi waqt il-kuntratt kien qal illi jaraw id-diskrepanzi aktar tard ghax ma kienx hemm diskrepanzi fuq x'ix titkellem u ftehmu li jaghtihomlu bil-mod.

Fid-19 ta' Ottubru 2022 saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati u sema' x-xhieda. Illi jirrizulta illi kien hemm negozju bejn iz-zewg socjetajiet, fejn is-socjeta attrici kienet tuza' s-servizzi tas-socjetajiet konvenuti sabiex torganizza avvenimenti. Jidher illi kien hemm xi ftehiem dwar *barter* u *discounts* u fl-2019 is-socjetajiet konvenuti bdew jikkomunikaw mas-socjeta attrici sabiex jsir il-hlas.Kien hemm nuqqas ta' qbiel bejn il-partijiet dwar il-kontijiet u saret laqgha f'April 2019, fejn il-partijiet qablu li l-ammont pendenti kien ta' €17,500, dan huwa ikkonfermat bl-email mid-direttur tas-socjeta attrici. Jirrizulta illi sa Settembru 2020, kien fadal ammont pendenti ta' €14,500 u kien sar kostituzzjoni ta' debitu ghalkemm is-socjeta attrici tghid illi kien ghad fadal xi invoices li kellhom jitnaqsu minn dan l-ammont. It-Tribunal jinnota illi s-socjetajiet konvenuti ipprezentata sekwestru fil-konfront tas-socjeta attrici fit-28 ta' Awwissu 2020, u fil-bidu ta' Settembru 2020, is-socjeta attrici bdiet tippretendi tnaqqis mill-ammont u fil-fatt bghatet e mail lis-socjetajiet intimati li min-naha taghhom ma qablux ma dawn l-ammonti. Konsegwentament il-partijiet waslu biex jiffirmaw kostituzzjoni ta' debitu fit-18 ta' Settembru 2020, fejn is-socjeta attrici kienet debitrici tas-socjeta Powerhouse Limited fl-ammont ta' €14,500.

It-Tribunal ma jistax jifthem kif is-socjeta attrici accetat li tiffirma l-kostituzzjoni ta' debitu bla ebda riserva, meta kienet gja qieghda tippretendi tnaqqis mill-ammont mitlub propju f'dawk il-granet izda bdiet il-proceduri sabiex tigbor dan l-ammont propju aktar minn sitt xhur wara li iffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu u ghalhekk ma ipprovatx it-talba taghha illi kien hemm ftehiem li dan l-ammont kellu jinqata' akatar tard.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta attrici biex thallas l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**